II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/756

tal-1 ta' April 2020

li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 6(3) u 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri jridu jnaqqsu l-ammont ta' pagamenti diretti li jridu jingħataw lil bidwi għal sena kalendarja partikolari, skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament, b'mill-inqas 5 % għall-parti tal-ammont li taqbeż il-EUR 150 000, sakemm ma jkunux se japplikaw il-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu. F'konformità mal-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament, il-prodott stmat tat-tnaqqis irid ikun disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għall-miżuri tal-iżvilupp rurali.

(2) Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 bid-deċiżjoni tagħhom dwar it-tnaqqis tal-ammont tal-pagamenti diretti u tal-prodott stmat riżultanti tat-tnaqqis għas-sena kalendarja 2020. In-notifiki tal-Bulgarija, taċ-Ċekja, tad-Danimarka, tal-Estonja, tal-Irlanda, ta' Spanja, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Ungerija, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tas-Slovakkja, tal-Finlandja, tal-Iżvezja u tar-Renju Unit indikaw prodott stmat tat-tnaqqis akbar minn żero.

(3) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu ċertu persentaġġ mil-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għall-miżuri tal-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali.

(4) Skont is-sitt subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit innotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli bħala appoġġ addizzjonali permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) fl-2021, ċertu persentaġġ tal-limitu massimu nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2020.

(5) Skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2020, ċertu ammont tal-appoġġ li jrid jiġi ffinanzjat permezz tal-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2021.

(6) Skont is-sitt subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Kroazja, l-Ungerija, Malta u l-Polonja nnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2020, ċertu ammont mill-allokazzjoni tal-FAEŻR tal-2021 tagħhom.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

(7) Għalhekk jeħtieġ li l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jiġu adattati biex jinkorporaw l-emendi proposti tal-limiti massimi nazzjonali annwali u tal-limiti massimi netti annwali għall-pagamenti diretti.

(8) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 137(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 kif applikabbli fis-sena 2020 ma japplikax fir-Renju Unit għas-sena tat-talba 2020. Għalhekk, ma hemmx bżonn jiġu stabbiliti limiti massimi ġodda għas-sena 2020 fir-rigward tar-Renju Unit.

(9) Għalhekk, l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jenħtieġ jiġu emendati skont dan.

(10) L-emendi li qed isiru b'dan ir-Regolament jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għas-sena 2020, għaldaqstant dan ir-Regolament jenħtieġ japplika mill-1 ta' Jannar 2020,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, il-kolonna għas-sena kalendarja 2020 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Sena Kalendarja	2020
Il-Belġju	481 857
Il-Bulgarija	796 292
Iċ-Ċekja	872 809
Id-Danimarka	818 757
Il-Ġermanja	4 717 291
L-Estonja	169 366
L-Irlanda	1 211 066
Il-Greċja	1 834 618
Spanja	4 893 433
Franza	6 877 179
Il-Kroazja	332 080
L-Italja	3 704 337
Ċipru	48 643
Il-Latvja	302 754
Il-Litwanja	517 028
Il-Lussemburgu	33 432
L-Ungerija	1 331 588
Malta	5 244
In-Netherlands	660 870
L-Awstrija	691 738
Il-Polonja	3 390 991
Il-Portugall	599 355
Ir-Rumanija	1 903 195
Is-Slovenja	134 278
Is-Slovakkja	394 385
Il-Finlandja	524 631
L-Iżvezja	699 768
Ir-Renju Unit	-"

(2) fl-Anness III, il-kolonna għas-sena kalendarja 2020 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Sena Kalendarja	2020
Il-Belġju	481,9
Il-Bulgarija	796,7
Iċ-Ċekja	871,8

Id-Danimarka	818,1
Il-Ġermanja	4 717,3
L-Estonja	169,4
L-Irlanda	1 211,1
Il-Greċja	2 022,5
Spanja	4 953,8
Franza	6 877,2
Il-Kroazja	332,1
L-Italja	3 698,3
Ċipru	48,6
Il-Latvja	302,5
Il-Litwanja	517,0
Il-Lussemburgu	33,4
L-Ungerija	1 301,4
Malta	5,2
In-Netherlands	660,8
L-Awstrija	691,7
Il-Polonja	3 375,7
Il-Portugall	599,5
Ir-Rumanija	1 903,2
Is-Slovenja	134,3
Is-Slovakkja	392,6
Il-Finlandja	524,6
L-Iżvezja	699,8
Ir-Renju Unit	-”